MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1338/2002

**Cit Nru:  1338/02 JA**

**Lombard Bank Malta plc.**

**-vs-**

**Philip u Marthese konjugi Degiorgio.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-26 ta' Novembru, 2002 li bih l-bank attur ippremetta:

Illi l-Bank attur jinsab kreditur tal-konvenuti Philip u Marthese konjugi Degiorgio fl-ammont ta' hmistax-il elf,

sitt mija tlieta u disghin Liri Maltin, u sbatax-il centezmi (Lm15, 693.17) dovuti in kwantu ghal disat eleff seba' mija u sbatax-il Lira Maltin tlieta u sittin centezmi (Lm9,717.63) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fl-"overdraft account" li handhom il-konvenuti mal-Lombard Bank Malta p.l.c. skond statement hawn anness u mmarkat Dok "A" u in kwantu ghal hamest elef disa' mija hamsa u sebghin liri Maltin erbgha u hamsin centezmi (Lm5,975.4) bilanc ghad-debitu fil-'loan account' li ghandhom il-konvenuti ma' l-istess Bank, skond 'statement' hawn anness u mmarkat Dok "B", bl-interessi kkalkolati sal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) sad-data tal-pagament effettiv.

Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Jigu kkundannati in solidum sabiex ihallsu l-Bank attur is-somma ta' hmistax-il elf, sitt mija tlieta u disghin Liri Maltin, u sbatax-il centezmi (Lm15, 693.17) dovuti in kwantu ghal disat eleff seba' mija u sbatax-il Lira Maltin tlieta u sittin centezmi (Lm9,717.63) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fl-"overdraft account" li handhom il-konvenuti mal-Lombard Bank Malta p.l.c. skond statement hawn anness u mmarkat Dok "A" u in kwantu ghal hamest elef disa' mija hamsa u sebghin liri Maltin erbgha u hamsin centezmi (Lm5,975.4) bilanc ghad-debitu fil-'loan account' li ghandhom il-konvenuti ma' l-istess Bank, skond 'statement' hawn anness u mmarkat Dok "B", bl-interessi kkalkolati sal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-22 t' April, 2002,
tal-Mandat ta' Qbid u Sekwestru kawtelatorju pprezentati kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Settembru 2002 sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Bank attur mahlufa minn Alexander Cutajar fis-26 ta' Novembru, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u b' hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-Bank attur;

Semghet l-Avukat tal-Bank attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

**Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi kif dedotti fic-citazzjoni u tikkundanna lill-konvenuti 'in solidum' jhallsu lill-Bank attur s-somma ta' is-somma ta' hmistax-il elf, sitt mija tlieta u disghin Liri Maltin, u sbatax-il centezmi (Lm15, 693.17), kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-22 t' April, 2002, tal-Mandat ta' Qbid u Sekwestru kawtelatorju pprezentati kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Settembru 2002 sal-pagament effettiv.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------